**Minuti tal-Kontinwazzjoni tat-Tlieta u Tletin Laqgħa ( 33 ) tas-Sitt ( 06 ) Kunsill Lokali San Pawl il-Baħar li nżammet nhar il-Ħamis 21 ta' Ottubru, 2010 fl-Uffiċċju Amministrattiv ta' l-istess Kunsill Lokali fil-05.30 ta' filgħaxija.**

Il-Laqgħa bdiet fis-05.43 ta' filgħaxija.

Il-Kunsilliera kienu preżenti kif jidher hawn taħt.

| | Ħin Dħul | Ħin Ħruġ |
|---|---|---|
| Sindku Perit Graziella Galea | 5.30 p.m. | 8.30 p.m. |
| Viċi Sindku John Bray | 5.30 p.m. | 8.30 p.m. |
| Kunsillier Peter Abela | 5.30 p.m. | 8.30 p.m. |
| Kunsillier Ray Bartolo | Skużat | |
| Kunsillier Alexander Bezzina | Skużat | |
| Kunsillier Jason Camilleri | 5.30 p.m. | 8.00 p.m. |
| Kunsillier Mario Camilleri | 5.30 p.m. | 8.30 p.m. |
| Kunsillier Frank Gauci | 5.30 p.m. | 8.30p.m. |
| Kunsillier Alfred Grima | Skużat | Imsiefer |
| Kunsillier Raymond Tabone | 5.30p.m. | 7.45p.m. |
| Kunsillier Martin Zerafa | 6.05 p.m. | 8.30 p.m. |

Is-Sindku mexxiet il-Laqgħa tal-Kunsill.

Is-Segretarju Eżekuttiv, is-Sur John J. Camilleri kien preżenti għall-laqgħa.

Fil-bidu tal-laqgħa s-Sindku, il-Perit Graziella Galea, qalet li meta waqa' l-*quorum* tal-ewwel parti ta' din il-Laqgħa li nżammet nhar il-Ħamis, 14 ta' Ottubru, 2010, kienet qed tiġi diskussa l-*item* tal-Aġenda – **Korrispondenza u Komunikazzjonijiet** : Nru. 15 mill-lista tal-Korrispondenza. Minbarra din il-lista, qed tiħi ppreżentata lista oħra ta' korrispondenza li kienet ukoll ser tiġi diskussa f'din il-Laqgħa.

## 1.00 Korrispondenza u Komunikazzjonijiet

Kompliet tiġi ttrattata l-lista tal-korrispondenza kif ippreżentata fl-14 ta' Ottubru, 2010 minn Nru. 15 san-Nru. 35 flimkien mal-lista ġdida ta' 17 il-*item* u żewħ *items* ( Nri. 18 u 19) oħra li ġew ippreżentati waqt din il-Laqgħa. Id-deċiżjoni dwar dawn il-listi ta' Korrispondenza u Komunikazjonijiet tinsab fil-listi mehmuża ma' dawn il-minuti.

1.01 Dwar l-ingaġġ ta' skrivana ġie deċiż li ssir intervista lil applikanta s-Sna Anna Vassallo li hi l-unika applikanta li rrispondiet għas-sejħa interna.

1.02 Dwar Central Insurance Brokers ġie deċiż li tiħi mġedda l-polza tal-assigurazzjoni għal sena oħra mid-data li fiha kienet għalqet il-polza preċedenti.

1.03 Dwar talba mill-Banda San Pawl għal kompjuter użat ġie deċiż li din it-talba tiġi aċċettata u kompjuters antiki oħrajn li ma jintużawx mill-Kunsill jingħataw lil xi għaqdiet oħra (anke dawk politiċi) li huma nnteressati fuq bażi ta' *first come first served*.

1.04 Dwar kawża l-qorti li nfetħet minn Samantha Grima kontra diversi persuni fosthom il-Kunsill Lokali dwar l-inċident li ġara waqt attivita' f'Ta' Fra Ben fl-2008, ġie deċiż li d-dokumenti tal-kawża jintbagħtu lill-avukat tal-Kunsill biex jirrispondi kif hemm bżonn.

1.05 Gie approvat li l-Kunsill jipparteċipa fil-*Youth Exchange Programme* kif mistieden mill-Kunsill ta' Quartosolo fl-Italja. Issir l-applikazzjoni lill-*Managing Authority tal-Fondi Ewropej* f'Malta.

1.06 Dwar korrispondenza mingħand Bonnici Brothers fejn infurmaw lill-Kunsill li kienu rċevew is-somma ta' Euro 50,000.—akkont u li huma kien baqgħalhom bilanċ qawwi x'jieħdu mingħand il-Kunsill fuq diversi xogħolijiet, il-Kunsillier Raymond Tabone qal li huwa ma jaqbilx li għandu jiġi approvat dan il-pagament akkont li sar u għalhekk is-Sindku talbet votazzjoni sabiex jiġi approvat dan il-pagament. Kienu preżenti 8 Kunsilliera. Il-vot ġie sitt voti favur u tnejn (Jason Camilleri u Raymond Tabone) astjenew. Ġie approvat il-pagament.

1.07 Fuq talba tal-impjegati tal-Kunsill ġie approvat li l-ħin tax-xogħol għax-xhur tax-Xitwa jinbidel u jsir mis-7.30 ta' filgħodu sal-4.30 ta' filgħaxija. Il-bibien jinfetħu għall-pubbliku fit-8.00 ta' filgħodu.

## 2.00 Skedi ta' Dħul, Pagamenti u Ordnijiet ta' Xogħol.

### 2.01 Rendikont ta' Dħul ta' Fondi.

Ġiet approvata il-lista ta' dħul ta' fondi tal-Kunsill għax xahar ta' Settembru 2010 kif ippreżentata.

2.02 **Rendikont ta' Pagamenti**

Il-Kunsillier Raymond Tabone qal li l-pagament lill-Jonstor (PV1780 Euro 38.00) ma kellux jitħallas għaliex il-Kunsill kien iddeċieda li ma jsirx aktar xiri ta' oġġetti mingħand dan il-ħanut. Is-Segretarju Eżekuttiv spjega li huwa u s-Sindku kienu approvaw dan il-pagament għaliex dan kien jikkonsisti f'xiri ta' żewġ *frames* għal xi ċertifikati tal-Kunsill. Din l-ordni kienet saret qabel ingħataw struzzjonijiet li ma jsirx xiri aktar mingħand Jonstor u ċ-ċertifikati kienu diġa ġew iffrejmjati. Sid il-ħanut ma riedx jikkonsenja dawn il-*frames* biċ-ċertifikati kieku ma' tħallasx fil-pront. Barra minn hekk dan l-ammont kien wieħed żgħir u nnsinifikanti. Is-Sindku talbet votazzjoni sabiex jiġi approvat dan il-pagament. Il-pagament ġie approvat b'sitt voti favur, wieħed (Raymond Tabone) ivvota kontra u wieħed (Jason Camilleri) astjena.

Il-Lista tal-Pagamenti (SCH 32) ġiet approvata minbarra dawk kif ġej:

(a) Pagament PV 1786, kont ta' Euro 9,878.79 mingħand Mica Med Ltd għal tiżjin bid-dawl - Milied 2009 ġie miżmum milli jitħallas qabel jiġi diskuss.

2.03 **Lista ta' Ordnijiet ta' Xogħol**

Ġiet approvata l-lista kif ippreżentata.

2.04 ***Financial Indicator / Accounts – Quarter Ending* 30.06.2010**

L-accountant tal-Kunsill, is-Sinjura Romina Perici Ferrante, ġiet mistiedna tindirizza l-Laqgħa biex tispjega u tirrispondi għall-mistoqsijiet dwar il-figuri tal-Financial Indicator u l-Accounts għat-tieni kwart tal-perjodu tas-sena finanzjarja – April sa Ġunju 2010. Id-dokumenti ġew approvati unanimament.

2.05 Ġiet ukoll approvata r-risposta għall-*Management Letter* li l-Kunsill kien irċeva mingħand l-awdituri għall-għeluq tas-sena fiskali 31 ta' Diċembru, 2010 wara li s-Sinjura Romina Perici Ferrante spjegat kemm il-*Management Letter* kif ukoll ir-risposta.

2.06 Ġew diskussa kwotazzjonijiet li rċeva l-Kunsill kif ġej:

(a) Provista u nstallar ta' Notice Boards fil-lokalita' ta' San Pawl il- Baħar. Ġie deċiż li dawn jiġu studjati u tittieħed deċiżjoni mill-kumitat tal-U-Bends. Il-Kunsilliera Jason Camilleri u Frank Gauci ser jattendu wkoll il-meeting li qed jiġi msejjaħ għal nhar il-Hamis 28 ta' Ottubru fl-4.00 ta' wara nofsinnhar.

(b) Ġie deċiż li l-kuntratt għal ko-ordinatur għall-publikazzjoni ta' *magazine* tal-Kunsill jingħata lis-Sur Ivan Bartolo bil-prezz mitlub. Il-Kunsilliera kollha ġew imħeġġa jikkollaboraw sabiex din il-publikazzjoni tkun suċċess.

(c) Ġie deċiż li l-kuntratt għall-kiri ta' Coaches u Mini Buses jingħata lil Joseph Zarb kif ikkwotat. Din hija l-aktar offerta vantaġġjuża li rċeva l-Kunsill.

(d) Ġie ma]tur Kumitat mag]mul mis-Sindku, il-Perit Graziella Galea, u mill-kunsillier Frank Gauci u s-Sur Frans Xerri sabiex isir *interview* tal-persuni li kkwotaw il-mappa turistika.

**3.00 Dawl Dekorattiv u Attivitajiet Relatati mal-Festi tal-Milied 2010**

3.01 Ġie ffurmat kumitat mgħamul mis-Sindku, il-Perit Graziella Galea, u l-Kunsilliera Frank Gauci, Peter Abela, u Jason Camilleri. Dan il-kumitat għandu jara x'tiżjin u attivitajiet għandhom isiru fil-Lokalita'.

**4.00 Aġġornamenti Dwar Kumitat Amministrattiv Burmarrad**

4.01 Fin-nuqqas tal-Kunsillier Raymond Bartolo li huwa wkoll Chairperson tal-Kumitat Amministrattiv Burmarrad, il-Kunsillier Peter Abela li huwa wkoll Membru tal-istess kumitat, ippreżenta rapport dwar il-Laqgħat tal-Kumitat Amministrattiv Burmarrad.

**5.00 Aġġornamenti**

5.01 Il-Viċi-Sindku John Bray talab li ssir rikjesta ta' Pedestrian Crossings u dwal fiż-żona tal- Housing Estate ta' Porzjunkola u Triq il Frejgatina.

5.02 Il-Kunsillier Jason Camilleri talab li jitwaħħlu *stickers* fuq il-bins-on-wheels ta' Triq il-Makku sabiex jindikaw li dawn il-kontenituri huma biss għar-residenti ta' din it-triq.

5.03 Il-Kunsillier Frank Gauci talab li tinkiteb ittra lill-MRRA dwar il-kundizzjoni ħażina li jinstab fiha l-akwadott ta' Triq Għajn Tuffieħa.

Huwa nforma wkoll li għalkemm li huwa ma kienx ser ikun preżenti fil-ġurnata li ser jiġu organizzati attivitajiet għall-ġbir ta' fondi b'risq il-Community Chest Fund, huwa kien ser jieħu ħsieb jorganizza dawn l-attivitajiet.

5.04 Il-Kunsillier Peter Abel issuġġerixxa li jintefa materjal tal-*iscarifying* fi Triq Desguanez meta jkunu qed isiru toroq bl-iskema tal-PPP u b'hekk jingħata wiċċ temporanju lil din it-triq. Huwa qal li jinħtieġ tittieħed azzjoni kontra karozzi pparkjati mingħajr liċenzja tat-triq f'din l-istess triq.

Huwa talab li jsiru parking bays fi Triq De Lucca.

Huwa talab li jsir livellar ta' Triq Port Ruman sabiex ma jżomx ilma fiha.

Huwa qal li kien hemm bżonn li jitwaħħlu dwal u jsir il-patching fi Triq Aristarku.

5.05 Il-Kunsillier Martin Zerafa talab ukoll li jiġi ċċekjat jekk kienx hemm permess għal skip li hemm quddiem il-Fuego fil-Qawra.

Huwa qal li kienet sfrundat il-bankina fi Triq in-Nawċiera.

Huwa talab li jsir *landscaping* ta' żewġ *soft-areas* li hemm fi Triq il-Luzzu u jsir rinfreskar taż-żebgħa fil-pjazza ta' ħdejn il-Fuego. Kien hemm bżonn ukoll jiġi iċċekjat jekk kienx hemm permessi għal U-Bends ta' ħdejn Piscopo.

5.06 Il-Kunsillier Mario Camilleri talab li sid post fi Triq il-Parroċċa jintalab jirranġa l-bankina li kien kisser quddiem il-post tiegħu.

Huwa talab li jsiru *sleeping policemen* fi Triq Piscopo Macedonia. Is-Segretarju Eżekuttiv qal li l-Kunsill irċeva ittra mingħand Transport Malta fejn dawn qalu li Transport Malta hija kontra li jsiru *sleeping-policmen* u dawn għandhom jiġu evitati li jsiru u minflok isiru mezzi adekwati oħra għall-kontroll tat-traffiku.

Il-Kunsillier Mario Camilleri talab ukoll li ssir il-manutenzjoni tar-railings fejn jintrama il Luna-Park f'Bugibba.

Huwa talab ukoll li l-*Loading/Unloading Bay* fis-Service Road ta' Triq il-Mosta ħdejn il-Bread Mill, għandha titkabbar sabiex tieħu aktar vetturi.

Huwa talab ukoll li Loading/Unloading Bay fi Triq il-Kaħli ħdejn il-ħanut DVD Mania titneħħa u t-triq kollha ssir b'sistema ta' *20 minute timed parking*.

Huwa talab ukoll li ssir *zebra-crossing* qrib Stuart Ironmongery fi Triq San Pawl.

Il-Kunsillier Mario Camilleri qal li huwa ma kienx kuntent bil-performance tal-ELC f'dak li huwa żamma ta' ġonna u *soft-areas*. Huwa qal li kien hemm bżonn ta' żbir ta' siġar fid-Dellija u tħawwil ta'siġar faċċata tal-bajja tax-Xemxija. Hemm bżonn ukoll żbir tal-Oleander fuq il-promenade tal-Qawra.

5.07 Il-Kunsillier Peter Abela qal li huwa xtaq jirringrazja lill EMM għall-assistenza li kienu qed jagħtu lill-ELC billi joffru post fejn jinżammu pjanti fix-xhur tax-Xitwa.

5.08 Is-Sindku, il-Perit Graziella Galea, qasmet kopja tad-dokument tat-tender għall-kuntratt ta' Handyman fuq bażi ta' self-employed b'rata fissa fis-siegħa u *allowance* tal-fuel. Min japplika jrid ikollu l-għodda u mezz ta' trasport tiegħu. Kienu ser jiġu garantiti tletin siegħa ta' xogħol fil-ġimgħa. Il-Kunsill ħalla f'idejn is-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv sabiex jaraw li jkun hemm l-aħjar kundizzjonijiet għal dan is-servizz.

Is-Sindku, il-Perit Grażiella Galea, semmiet ukoll il-proġett tal-Boċċi Klabb Thalassalejn u qalet li hi u s-Segretarju Eżekuttiv kienu għadhom ġejjin minn laqgħa mas-segretarjat tas-Segretarju Parlamentari Clyde Puli u maċ-Chairman tal-Kumitat Nazjonali għall-Isports flimkien mal-President u s-Segretarju tal-Klabb fejn ġie deċiż li tinkiteb ittra lill-Kumitat Nazzjonali Sports fejn jiġu elenkati l-kundizzjonijiet li qed jitlob il-Kunsill Lokali sabiex isir il-ftehim mal-Klabb tal-Boċċi.

F'dan il-ħin il-Kunsilliera Mario Camilleri, Raymond Bartolo u Martin Zerafa qalu li huma ma jaqblux li jsir dan il-ftehim u jintefqu flus fi proġett li mhux tal-Kunsill.

Is-Sindku qalet li d-deċiżjoni kienet diġa' ttieħdet mill-Kunsill u saret it-talba għad-devoluzjoni u ntefqu flus għall-permessi tal-Mepa li issa kienu diġa' nħarġu.

Il-Kunsillier Mario Camilleri nnsista li kien għadda ż-żmien minn dik id-deċiżjoni u li huwa kien kontra dan il-proġett u kien ser jopponi li dan isir.

## 5.09 Għeluq tal-Laqgħa

Fit-8.30 p.m. is-Sindku ssospendiet il-Laqgħa għaliex kien skada l-ħin ta' tlett siegħat kif titlob il-liġi.

Il-Laqgħa spiċċat fit-8.30 ta' filgħaxija.

Perit Graziella Galea
Sindku

John J. Camilleri
Segretarju Eżekuttiv

16 ta' Novembru 2010

ref. 55/0591/10/0SG